**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**
**MAGISTRAT**
**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**ILLUM 29 ta' Awwissu 2015**

**PULIZIJA**
**Spettur Frankie Sammut**
**VS**
**Al Allagi Ahmed NT. N**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Al Allagi Ahmed Nt. N ta' 24 sena, bin Mohammed u Fathia nee' Barasi mwieled Benghazi Libja nhar is-7 ta' Novembru 1990, residenti Libja u detentur tal-Passaport Libjan b'numru 603975;

Talli;

1) fid-29 ta' Awwissu 2015 u jew fil-jiem ta' qabel din id-data iffalsifika, biddel jew ghamel xi tibdil f'passaport, jew uza jew kellu fil-pussess tieghu xi passaport, li hu kien jaf li gew iffalsifikti, mbiddla jew sar xi tibdil fihom f'isem Al Allagi Ahmed Nt. N bin-numri IO5560109 rispettivament;;
2) Matul l-istess zmin, lok u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokumenti ohra ffalsifikati, fid=dokumenti fuq msemmija;

3) Ukoll talli matul l-istess zmin, lok u cirkostanzi iffalsifika xi dokumenti jew kopji vera ta' dokumenti jew registrazzjonijiet maghmula skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu solennement bil-konsegwenzi li l-istess ammissjoni kienet ser iggib maghha;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l-Artikoli 5 Kap 61, Art 189 Kap 9 u Art 32(1)(d) Kap 217 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il-Qorti qieghda ssib lill-imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah sitt (6) xhur prigunerija sospizi ghal 18- il xahar ai terminu tal-Art 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**